# RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI

| | |
|---|---|
| **Kaz nru:** | K/012 |
| **Ilment:** | Allegazzjoni li l-Ministru Chris Cardona u l-Ministru Konrad Mizzi wegħdu vantaġġ lil imprenditur biex jiġi reċiprokat appoġġ politiku. |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-ilment:** | 23 ta' Settembru 2019 |
| **Data ta' dan ir-rapport:** | 5 ta' Frar 2020 |

## L-ilment

1. B'email tat-23 ta' Settembru 2019, hawn annessa u mmarkata Dokument A, il-Professur Arnold Cassola ressaq għall-konsiderazzjoni tiegħi s-segwenti ilment:

*"Fid-dokumentarju televiziv, Enquete Exclusive, fuq l-istazzjon Franċiż 6 play, il-businessman Luke Chetcuti jistqarr mal-ġurnalisti:*

*'Last week I was having dinner with Chris, the minister for the economy,' Chetcuti is heard saying. 'And he texted the tourism minister saying: we must help the Chetcuti family. They have always helped us. The other minister replied saying the beach was quite small but he would see what he would do, if it could be enlarged.'*

*Hawnhekk, is-Sur Chetcuti qed jirreferi għall-bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan, li 30% minnha hija okkupata mill Intercontinental ta' Decesare.*

*Il-gravità ta' din l-istqarrija ta' Chetcuti hija enormi. Huwa qed jimplika dak li ħafna minna l-Maltin ilna nissuspettaw: li Ministru (f'dan il-każ, Chris Cardona), qed jintervjeni ma' Ministru ieħor (Konrad Mizzi) biex jagħmel pjaċir lil Chetcuti u jirranġalu għall-beach għaliex dawn dejjem għenu lilna (cioe' politiċi tal-partit laburista) ('we must help the Chetcuti family. They have always helped us.').*

*Biex ngħaxxquha, Chetcuti qed isostni li, minflok Konrad Mizzi ċanfar lil Cardona u rrappurtah lilek, Mizzi jgħid li l-bajja hija żgħira imma li jara jistax ikabbarha biex jaqdi lil Chetcuti.*

*L-elementi ta' mġiba ħażina u bla etika implikati minn Chetcuti huma enormi:*

*1. Businessman jipprova jinfluwenza Ministru (Cardona) biex jiffavorih;*

*2, Il-Ministru (Cardona) jaċċetta li jkun influwenzat;*

*3. Il-Ministru (Cardona) jimplika lil Ministru ieħor (Mizzi);*

*4. Il-motivazzjoni hija waħda nepotistika: Biex naqdu lil min dejjem għinna;*

*5. Il- Ministru Mizzi ma jirrifjutax;*

*6. Anzi, Mizzi juri r-rieda tiegħu li jaġevola lill-businessman;*

*7. Mizzi lest jesplora jekk jistax ikabbar (bil-flus tat-taxpayer) il-bajja biex jaqdi lill-businesman privat Chetcuti.*

*Sur Kummissarju, nistqarr miegħek li qed niddardar nisma' stejjer ta' dan it-tip dwar pajjiżna u dwarna l-Maltin. Niddardar doppjament għaliex il-maġġoranza onesta tagħna l-Maltin u isem pajjiżna qed jitħammġu mal-erba' irjiħat tad-dinja minħabba tlieta-erba' ismijiet ta' politiċi Maltin li, dur u dur, dejjem issibhom imsemmija f'dawn it-tip ta' stejjer.*

*Taħt għandek il-link ghall-programm televiżiv oriġinali u għall-artiklu ta' Malta Today.*

*Nitolbok tindaga minnufih."*

## Deċiżjoni li ninvestiga

2. Iddeċidejt li l-ilment jistħoqq li jiġi investigat ai termini tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

## Il-Kuntest

3. Fil-programm televiżiv "Enquête Exclusive – Malte, Joyau de la Meditérranée et Paradis de la Corruption" li kien imxandar mill-istazzjon televiżiv privat Franċiż Metropole 6 (M6) nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru 2019, deher *inter alia* Luke Chetcuti, sid ewlieni tal-kumpanija propjetarja ta' xi stabbilimenti qrib il-bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan, jitkellem ma' persuna li kienet miegħu. Jirriżulta li dina kienet il-General Manager tal-lukanda "H" li kienet ġiet inawgurata f'dawk iż-żminijiet.

4. Jidher li nġibed xi tip ta' film dokumentarju, allegatament fis-17 ta' April 2019, suppost biex jippromwovi l-lukanda mentri fil-fatt kien qed isir programm investigattiv bil-għan li jikxef korruzzjoni f'Malta. Il-kliem ma ntqalux b'risposta għal xi domanda, iżda waqt li Chetcuti kien mitlub "jidher" jitkellem mal-General Manager.

5. Ghalhekk id-diskors bejn Chetcuti u l-Manager tal-Lukanda sar bil-Malti, u mingħajr għarfien li dan id-diskors kien se jxxandar. F'dan id-diskors Chetcuti qal li mar jiekol ma' *"Chris il-Ministru"* u talab l-għajnuna tiegħu biex jakkwista "beach concession" fil-Bajja ta' San Ġorġ. Qal li dak il-ħin stess il-Ministru bagħat messaġġ lill-Ministru għat-Turiżmu fejn qallu *"Irridu ngħinuhom lil Hugo's, dejjem għenuna."* Qal ukoll li l-Ministru għat-Turiżmu wieġeb billi qal *"Il-bajja naqra żgħira imma naraw x'nagħmlu biex inkabbru l-bajja."*

6. Il-filmat in kwistjoni deher fid-dokumentarju b'voiceover li ta sommarju bil-Franċiż ta dak li qal is-Sur Chetcuti. Sal-11 ta' Ottubru 2019, dan il-voiceover kien l-uniku sors ta' informazzjoni dwar dak li qal is-Sur Chetcuti fil-filmat. Madankollu, fil-11 ta' Ottubru 2019 ġie rapportat mill-media lokali li l-filmat mingħajr il-voiceover, jiġifieri bid-diskors tas-Sur Chetcuti jinstema', kien sar aċċessibbli fuq sit elettroniku Russu. Jiena rajt dan il-filmat u l-uffiċċju tiegħi ħa traskrizzjoni tiegħu. Il-paragrafu preċedenti hu bbażat fuq din it-traskrizzjoni.

7. Il-Ministru Konrad Mizzi irriżenja minn Ministru fis-26 ta' Novembru 2019, filwaqt li l-Ministru Chris Cardona ma ngħatax ħatra fil-kabinett il-ġdid nominat mill-Prim Ministru Robert Abela fil-15 ta' Jannar 2019. Madankollu, qed nikkonkludi dan ir-rapport ġaladarba l-ilment sar u beda jiġi investigat meta ż-żewġ eks-ministri kienu għadhom fil-kariga. Iż-żewġ eks-ministri għadhom deputati parlamentari.

8. Għalhekk għall-finijiet ta' dan ir-rapport l-Onorevoli Cardona u l-Onorevoli Mizzi qed jiġu riferuti bħala l-Ministru Cardona u l-Ministru Mizzi rispettivament.

## Proċedura tal-investigazzjoni

9. Ktibt lill-Ministru Cardona fl-24 ta' Settembru 2019 (kopja annessa u mmarkata Dokument B) fejn irreferejt għall-kontenut tal-ilment u l-partijiet rilevanti tal-kodiċi tal-etika u tlabtu jwieġeb għal dawn id-domandi:

(1) *"Kien hemm skambju ta' messaġġi bejnek u bejn il-Ministru Konrad Mizzi kif ġie allegat fil-media?*

(2) *X'kien il-kontenut ta' dawn il-messaġġi?*

(3) *X'kienet ir-raġuni li ħassejt li kellek tintervjeni, meta wieħed iqis li beach concessions ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltajiet ministerjali tiegħek?*

*In konnessjoni mat-tieni domanda, jiena qiegħed formalment nitolbok tforni kopji tal-messaġġi in kwistjoni skont is-setgħat mogħtija lili mill-artikoli 19(1) u 19(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika".*

10. Ktibt lill-Ministru Mizzi fl-24 ta' Settembru 2019 (kopja annessa u mmarkata Dokument Ċ) fejn irreferejt għall-kontenut tal-ilment u l-partijiet rilevanti tal-kodiċi tal-etika u tlabtu jwieġeb għal dawn id-domandi:

*(1) "Kien hemm skambju ta' messaġġi bejnek u bejn il-Ministru Chris Cardona kif ġie allegat fil-media?*

*(2) X'kien il-kontenut ta' dawn il-messaġġi?*

*(3) X'kienet ir-raġuni wara r-risposta tiegħek?*

*In konnessjoni mat-tieni domanda, jiena qiegħed formalment nitolbok tforni kopji tal-messaġġi in kwistjoni skont is-setgħat mogħtija lili mill-artikoli 19(1) u 19(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika".*

11. Ktibt lil Camille Le Pomellec, l-oriġinatur tal-programm, fil-25 ta' Settembru 2019 (kopja annessa u mmarkata Dokument D) kif ġej:

*"I am writing to you in my capacity as Commissioner for Standards in Public Life, appointed by the Malta Parliament in terms of chapter 570 of the Laws of Malta.*

*I am charged by law with the responsibility of upholding ethical standards of Members of Parliament including the Prime Minister, Ministers and Parliamentary Secretaries as well as Persons of Trust.*

*I intend to investigate the ethical conduct of two government ministers that were mentioned by Mr Luke Chetcuti in a programme originated by you entitled: 'Enquête Exclusive – Malte, Joyau de la Meditérranée et Paradis de la Corruption' that was broadcast by the private French TV channel Metropole 6 (M6) on Sunday 22nd September 2019.*

*For the purposes of my investigation I believe that it would be more appropriate for me to refer to the actual conversation between the individuals concerned rather than rely on the voice over and translation of what was said by them.*

*The purpose of this communication is to kindly request you to provide me with the original recordings.*

*I appreciate that the programme was broadcast by M6 and therefore if you feel that its consent is required, you may wish to secure its cooperation.*

*In the meantime, would you kindly confirm:*

- *The date of the video recording in which Mr Chetcuti is overheard referring to his dinner with a Minister?*
- *Whether you met with Minister Konrad Mizzi?*
- *Whether you met with Minister Christian Cardona?*
- *Was their denial of the allegation of trading in influence that you referred to in your programme made verbally or in writing?"*

12. Ħarrikt lil Luke Chetcuti fil-15 ta' Ottubru 2019 (kopja tat-taħrika annessa u mmarkata Dokument E) sabiex jixhed dwar dak li nstema' jgħid fil-filmat.

13. Ktibt ukoll lis-service providers prinċipali tat-telekomunikazzjoni (Melita, Go, u Vodafone) fl-24 ta' Settembru 2019 (kopji annessa u mmarkati Dokumenti F, G u H) fejn tlabthom jiddikjaraw x'kienet ir-*retention policy* tagħhom dwar:

(a) call log data appartenenti għal voice calls permezz tal-mobile phone

(b) log data appartenenti għal messaġġi SMS

(c) il-kontenut ta' messaġġi bl-SMS.

14. Tlabthom ukoll jgħidu x'tip ta' data tinżamm taħt kull kap u għal kemm żmien tinżamm.

## Risposti bil-miktub

15. Dawn irrispondew kif ġej:

1. Il-Ministru Cardona wieġeb permezz ta' ittra datata l-4 t'Ottubru 2019, mibgħuta mic-Chief of Staff tiegħu, Jeremy Dalli (kopja annessa u mmarkata Dokument I), fejn qal:

*"L-Onorevoli Ministru Dr Cardona ma jikkonfermax li kien hemm l-iskambju ta messaġġi li qed isir spekulazzjoni dwarhom fir-rapporti nkwistjoni.*

*Bħal ma kien iddikjarat fl-istqarrija għall-istampa maħruġa mill-Gvern ta' Malta (PR19180), bħala Ministru tal-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar, huwa parti mill-qadi tad-doveri ministerjali tiegħu li jiltaqa' ma bosta operaturi ekonomiċi b'mod regolari. Dawn il-laqgħat isiru f'kuntest ta' ħidma politika imsejħa fuq il-ġid komuni u b'rispett sħiħ, mhux biss lejn il-kodici tal-etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, imma wkoll lejn il-liġijiet rispettivi tal-pajjiż."*

2. Il-Ministru Mizzi wieġeb permezz ta' ittra datata 4 t'Ottubru 2019, mibgħuta mil-avukat tiegħu Dr. Aron Mifsud Bonnici (kopja annessa u mmarkata Dokument J), fejn qal:

*"Il-klijent tiegħi ma jikkonfermax li kien hemm l-iskambju ta' messaġġi kif qiegħed jiġi spekulat. F'dan l-istadju, jkun għaqli li min qed jallega fatt iġib hu l-prova tiegħu.*

*Irid jingħad inoltre li r-rapurtaġġ huwa wieħed sensazzjonali, intiż biex jattakka lil pajjiżna, u ma jirrifletti bl-ebda mod ix-xogħol tal-Ministeru tat-Turiżmu jew tal-entitajiet li jaqgħu taħtu. Kwalunkwe kumment jew spekulazzjoni ta' terzi, inkluż operaturi turistiċi, jrid ikun meqjus fl-kuntest tal-fatt li l-Ministeru tat-Turiżmu lanqas biss jagħti konċessjonijiet ta' art, li huma minflok amministrati mill-Awtorità tal-Artijiet. L-unika konċessjoni fil-bajja ta' San Ġorġ ingħatat mill-amministrazzjoni preċedenti."*

3. Go plc u Melita essenzjalment qalu li jżommu d-data skont il-liġi applikabbli u ċioe illi ma jżommux rikordju tal-kontenut ta' SMSs (kopji annessi u mmarkati Dokumenti K u L). Vodafone Malta ma weġbitx, iżda ma ħassejtx il-bżonn li nibgħat reminder ġaladarba ħareġ mir-risposti ta' Go u Melita li skont il-liġi messaġġi SMS ma jinżammux.

4. Camille Le Pomellec wiegeb permezz ta' email fis-26 ta' Settembru 2019 (Dokument M), fejn qal li:

*"I'd be happy to help with the investigation and I understand the difficulties based over the voice over in French. However, I won't be able to provide the rushes for ethical reasons. As journalists, we have this rule not to provide rushes to anyone, be it to justice.*

*Nevertheless, I can tell you the conversation was recorded on the 17th of April 2019.*

*I didn't meet with Konrad Mizzi but we had a chat over WhatsApp and his communication officer sent me a comment through an email. I also sent messages to Mr Cardona over WhatsApp which he read but I never got any reply from him.*

*Mr Luke Chetcuti wrote me his comments on WhatsApp".*

16. Wara din ir-risposta ktibt mill-ġdid lil Camille Le Pomellec fit-2 ta' Ottubru 2019 (Dokument N) kif ġej:

*"Please refer to my letter dated 25 September 2019 concerning the programme entitled 'Enquête Exclusive – Malte, Joyau de la Meditérranée et Paradis de la Corruption', that was broadcast by the French TV channel Metropole 6 (M6), and to your reply by email dated 26 September.*

*I wish to thank you for the information that you provided in your reply.*

*With respect to the original recording, I appreciate your concerns relating to rules of journalistic ethics, with which I must admit I am unfamiliar, and I would not wish to place you in any situation of conflict. Nevertheless, I hope you can appreciate that as Commissioner for Standards in Public Life I act entirely independently of the government of Malta, my duty being to investigate allegations of misconduct by politicians.*

*I am sure that you appreciate that what was actually stated by Mr Luke Chetcuti with regards to the government ministers in question is fundamental to the value and credibility of the investigation. Mr Chetcuti and the said ministers have already proclaimed publicly that the French voice-over is inaccurate. Your inability to provide me with the original recording will add credence to their claim that what was reported does not reflect what was really stated.*

*Therefore, as you may appreciate, unless I have firm evidence of what was actually said by Mr Chetcuti I will be most likely unable to proceed with my investigation."*

17. Sussegwentement, kif spjegajt qabel, il-filmat mingħajr il-voiceover sar aċċessibbli.

## Laqgħa mas-Sur Luke Chetcuti

18. Iltqajt ma' Luke Chetcuti fit-23 ta' Ottubru 2019 fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali tal-uffiċċju tiegħi, Charles Polidano, għall-finijiet ta' interrogazzjoni relatata ma' din l-investigazzjoni.

19. Is-Sur Chetcuti qal li l-istazzjon tat-televixin Franċiż Channel M6, li huwa responsabbli għall-programm *Enquête Exclusive* li sar fuq Malta, kienu talbu li jiltaqgħu miegħu bil-qerq. Qara email li kien irċieva mingħand is-Sur Camille Le Pomellec fejn is-Sur Le Pomellec qal li kien interessat f'Malta u l-istorja tas-suċċess ta' Hugo's Group.

20. Is-Sur Chetcuti qal li d-dokumentarju inħadem b'mod manipulat. Per eżempju, intalab juri ċ-ċwievet tal-karozza tiegħu lill-kamera bil-pretest li t-tifel ta' membru tal-ekwipaġġ tal-produzzjoni kien iħobb il-karozzi. Dan il-filmat imbagħad intuża fid-dokumentarju biex juri s-Sur Chetcuti qisu qed jiftaħar bil-beni tiegħu.

21. Fir-rigward tal-filmat li kien is-suġġett tal-ilment taħt investigazzjoni, is-Sur Chetcuti qal li l-membri tal-ekwipaġġ kienu qalulu li qed jiffilmjaw il-kamra, u mhux lilu. Riduh jidher bħallikieku kien qed jiddiskuti xi ħaġa b'mod informali mal-General Manager tiegħu. Għalhekk kien qed jitkellem biex jidher li qed jgħid xi ħaġa. Hu kien qed jiċċajta magħha, ħaġa li kien imdorri jagħmel mal-impjegati tiegħu.

22. Is-Sur Chetcuti ċaħad li qajjem is-suġġett tal-beach concession mal-Ministru Cardona. Qal li kien minnu li mar jiekol mal-Ministru kif issemma' fil-filmat, iżda ma ddiskutewx il-konċessjoni tal-bajja.

## Laqgħa mal-Ministru Chris Cardona

23. Iltqajt mal-Ministru Chris Cardona għall-finijiet ta' interrogazzjoni relatata ma' din l-investigazzjoni fit-18 ta' Novembru 2019 fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali tal-uffiċċju tiegħi, Charles Polidano. Il-Ministru kien akkumpanjat minn Dr. Jonathan Attard mill-ministeru tiegħu.

24. Jiena informajt lill-Ministru li kont diġà ltqajt ma' Luke Chetcuti, u għarraftu b'li kien qalli s-Sur Chetcuti waqt dik il-laqgħa. Għamilt dan fid-dawl tal-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.[1]

25. Il-Ministru Cardona qal li kien iltaqa' mas-Sur Chetcuti biex jiddiskutu dwar postijiet ta' divertiment u lukandi f'Malta. Kienu ddiskutew ukoll id-dixxiplina f'San Ġiljan. Madankollu, il-Ministru ċaħad li ddiskuta s-suġġett tal-konċessjoni tal-bajja mas-Sur Chetcuti.

26. Tlabt il-Ministru jikkjarifika għaliex fl-ittra tiegħu tal-4 t'Ottubru 2019, kien qal biss li "ma jikkonfermax" li kien hemm skambju ta' messaġġi kif kien ġie allegat fid-dokumentarju televiżiv.

27. Il-Ministru Cardona qalli li kien uża dan il-lingwaġġ għaliex l-allegat skambju kien qed jittieħed bħala fatt lokalment. Bil-kliem "ma jikkonfermax" ried ifisser li ma kien hemm ebda skambju. Qal ukoll li kieku s-Sur Chetcuti kien qajjem is-suġġett ta' beach concession miegħu, kien jidderiġih għand id-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Ministru kompla jgħid li la l-ministeru tiegħu u lanqas il-Ministeru għat-Turiżmu kellhom l-awtorità li jagħtu konċessjonijiet bħal dawn.

28. Ġbidtlu l-attenzjoni għall-fatt li għalkemm il-Ministeru għat-Turiżmu ma kellux l-awtorità li jagħti beach concessions, kien ċar li dan il-ministeru kellu influwenza sostanzjali fil-proċess tal-għoti ta' tali konċessjonijiet għaliex kien jiġi kkonsultat mill-Awtorità tal-Artijiet u seta' joġġezzjona.

29. Għidtlu dan fid-dawl ta' rapport fil-media fejn il-Ministru għat-Turiżmu, Konrad Mizzi, ġie kkwotat li qal "*The Malta Tourism Authority does not plan to give further concessions in St George's Bay*". Skont dan ir-rapport il-Ministru Mizzi qal ukoll "*I don't give direct concessions, those are given by the Lands Department,*" iżda kompla billi qal "*Furthermore, we've decreased and not increased existing beach concessions.*" L-istess rapport żied jgħid:

*"Dr Mizzi said Malta Tourism Authority's track record spoke for itself, having last month reduced beach-front concession in Għadira by around 2,000 square metres and formally objected to a concession application made on a rocky area of Għadira Bay by the Mellieħa Holiday Complex, better known as the Danish Village.*

[1] Art. 18(3): *"Il-Kummissarju ma għandux jagħmel xi sejba jew rakkomandazzjoni dwar persuna li tkun qiegħda tiġi investigata mingħajr ma jkun ta lil dik il-persuna aċċess għall-provi kollha u d-dritt għas-smigħ skont il-prinċipji tas-smigħ xieraq."*

*The Danish Village application was withdrawn on the same day it was due to be decided by the Planning Authority, after late objections were filed by the Malta Tourism Authority and the Lands Authority."*[2]

30. Dan ir-rapport, li huwa bbażat fuq filmat ta' intervista mal-Ministru Mizzi, jindika li l-Ministeru għat-Turiżmu għandu influwenza konsiderevoli jekk mhux ukoll determinanti fl-għoti ta' konċessjonijiet ta' art pubblika li huma marbutin mat-turiżmu, b'mod partikolari fuq il-kosta.

## Konsiderazzjonijiet

31. Fil-filmat bis-soundtrack oriġinali, is-Sur Luke Chetcuti jinstema' jgħid li fil-messaġġ li l-Ministru Chris Cardona bagħat lill-Ministru Konrad Mizzi, il-Ministru Cardona qal: "*Irridu ngħinuhom lil Hugo's, dejjem għenuna, u rridu ngħinuhom u rridu ntuhom biċċa mill-bajja*". Is-Sur Chetcuti jgħid li l-Ministru Mizzi wieġeb hekk: "*Il-bajja naqra żgħira imma naraw x'nistgħu nagħmlu biex inkabbru l-bajja.*"

32. Dan l-iskambju ta' messaġġi (jekk verament seħħ) jagħti x'jifhem li l-Ministru Cardona qed jinterċedi biex is-Sur Chetcuti jiġi aġevolat talli għen il-Partit Laburista. Dan potenzjalment jirrappreżenta ksur ta' etika da parti tal-Ministru Cardona.

33. L-istess ma jistax jingħad għall-allegata risposta tal-Ministru Mizzi, għalkemm hu kien inkluż fl-indaġni preliminari tiegħi. F'din ir-risposta (jekk verament ingħatat), il-Ministru Mizzi mhux qed jikkommetti ruħu favur il-beach concession. Anzi, qed jindika li bil-bajja kif inhi bħalissa, il-konċessjoni ma tistax tingħata. Din hija l-uniku parti tar-risposta li tista' titqies bħala definittiva. Ir-risposta mhix qed teskludi l-possibbiltà li l-bajja titkabbar, iżda lanqas m'hi qed tgħid li dan se jsir. Ir-risposta hija ambigwa u tista' titqies bħala mod diplomatiku ta' kif wieħed jgħid le mingħajr ma attwalment jgħid le. Fl-assenza ta' impenn aktar ċar favur il-beach concession, l-allegata risposta tal-Ministru Mizzi ma tistax titqies bħala ksur potenzjali tar-regoli tal-etika min-naħa tiegħu.

34. Għaldaqstant, fil-bqija ta' dan ir-rapport jiena se niffoka fuq l-allegat ksur tal-etika da parti tal-Ministru Chris Cardona. Għalhekk ser nagħmel riferenza għall-Ministru Mizzi biss fil-kuntest tal-każ tal-Ministru Cardona.

35. Minn banda, għandna d-diskors tas-Sur Chetcuti fil-filmat fejn qed jallega li sar l-iskambju ta' messaġġi in kwistjoni. Għandna wkoll ir-risposti bil-miktub taż-żewġ ministri lili fejn it-tnejn li huma ma ċaħdux espliċitament li sar dan l-iskambju. Kull wieħed qal biss li "*ma jikkonfermax li kien hemm l-iskambju ta' messaġġi*".

---

[2] "No plans to give more beach concessions in St George's Bay – Konrad Mizzi", Times of Malta, 26 ta' Settembru 2019. Jista' jitniżżel minn https://timesofmalta.com/articles/view/no-plans-to-give-further-concessions-konrad-mizzi.738112.

36. Mill-banda l-oħra, għandna l-istqarrija tas-Sur Chetcuti li tkellem fuq l-iskambju biss bħala forma ta' bluff. Għandna wkoll l-istqarrija tal-Ministru Cardona fejn qalli li bil-kliem *"ma jikkonfermax"* fir-risposta tiegħu lili, ried ifisser li ma kien hemm ebda skambju.

37. Fir-risposta tiegħu tal-4 ta' Ottubru lili, il-Ministru Mizzi qal li l-ministeru tiegħu *"lanqas biss jagħti konċessjonijiet ta' art, li huma minflok amministrati mill-Awtorità tal-Artijiet."* Dan il-punt għandu jiġi kkunsidrat għax jekk huwa minnu, il-Ministru Cardona ma kien ikollu ebda raġuni għalfejn jibgħat messaġġ lill-Ministru Mizzi anki jekk verament ried jaġevola lis-Sur Chetcuti. Iżda kif indikajt qabel,[3] il-Ministeru għat-Turiżmu għandu rwol importanti fl-għoti ta' konċessjonijiet għal skopijiet turistiċi. Għal din ir-raġuni kien jagħmel sens jekk il-Ministru Cardona ikkuntattja lill-Ministru Mizzi kif allega s-Sur Chetcuti.

38. Ma kienx possibbli li niġbor provi dwar l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza tal-messaġġi in kwistjoni. Iż-żamma ta' informazzjoni dwar komunikazzjonijiet elettroniċi hija regolata mir-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (LS 586.01). Ir-regolamenti 18 u 20, li jispeċifikaw x'informazzjoni għandha tinżamm mis-service providers f'dan il-qasam, ma jagħtux lok biex jinżamm il-kontenut ta' messaġġi SMS iżda biss dettalji bħal meta u x'ħin intbagħat messaġġ, minn min, lil liema numru, u minn fejn.

39. F'kull każ, ir-regolament 19(1) jgħid li:

*"Id-data miżmuma taħt din it-Taqsima tiġi żvelata biss lill-Pulizija jew lis-Servizzi tas-Sigurtà, skond il-każ, meta dik id-data tkun meħtieġa għall-iskop ta' stħarriġ, kxif jew prosekuzzjoni ta' reati gravi."*

40. Skont dan ir-regolament jiena ma nistax nakkwista informazzjoni dwar komunikazzjonijiet elettroniċi, sew għax ir-regolament jagħti s-setgħa biss lill-Pulizija u s-Servizz tas-Sigurtà li jakkwistaw it-tali informazzjoni, u sew għax mhix il-kompetenza tiegħi li ninvestiga reati (jiġifieri reati kriminali), wisq inqas reati gravi. Dan jista' jitqies konfliġġenti mal-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), li jagħtini s-setgħa li nħarrek persuni biex jagħtuni tagħrif u jipproduċu dokumenti.

41. F'każ ta' konflitt bejn żewġ liġijiet japplika l-prinċipju ta' *lex specialis derogat legi ġenerali*, jiġifieri fejn żewġ liġijiet japplikaw għall-istess materja, tirbaħ dik il-liġi li tittratta speċifikament dwar il-materja in kwistjoni. Dan ifisser li fejn jidħol l-iżvelar ta' informazzjoni dwar komunikazzjonijiet elettroniċi, ir-regolament 19 ta' LS 586.01 jirbaħ fuq l-artikolu 19 tal-Kapitolu 570.

[3] Paragrafi 29 u 30.

## Konklużjonijiet

42. L-istqarrija tas-Sur Chetcuti li kollox kien *bluff* min-naħa tiegħu ma hix konvinċenti u lanqas ma nista' ngħid li huma konvinċenti d-dikjarazzjonijiet tal-Ministru Cardona u l-Ministru Mizzi li t-tnejn użaw l-espressjoni "ma nikkonfermax" li kien hemm l-iskambju tal-messaġġi in kwistjoni. Li kieku l-iskambji ma sarux tassew, iż-żewġ ministri ma kienx ikollhom diffikultà li jwieġbu b'mod aktar kategoriku.

43. Madankollu, fin-nuqqas ta' evidenza li sar l-iskambju ta' messaġġi in kwistjoni, ma nħossx li għandi bażi soda biżżejjed biex nasal biex nikkonkludi li sar xi ksur ta' xi regola ta' etika da parti tal-Ministru Chris Cardona. Mhux qed nikkunsidra l-possibbiltà ta' nuqqas da parti tal-Ministru Konrad Mizzi għar-raġuni li tajt aktar kmieni f'dan ir-rapport.[4]

44. Ikkunsidrajt jekk dan il-każ jistax jitqies bħala wieħed ta' użu ta' influwenza (trading in influence) skont l-artikolu 121A tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, ġaladarba l-artikolu 18(4) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika jagħtini s-setgħa li nirreferi każi lill-Pulizija jekk insib prova sostanzjali ta' ksur sinifikattiv ta' xi dmir jew imġiba ħażina li jista' jiġi investigat mill-Pulizija. Pero', fin-nuqqas ta' evidenza dwar l-iskambju ta' messaġġi in kwistjoni, ma jidhirlix li hemm bażi biex nirreferi l-każ lill-Pulizija, għalkemm naturalment dan ma jimpedix il-Pulizija milli tinvestigah minn rajha a bażi ta' dak li hemm fid-dominju pubbliku, jekk tqis li investigazzjoni hija meritata.

45. Nittama pero' li dan l-inċident iservi ta' tagħlima lill-ministri in ġenerali biex meta jiltaqgħu ma' persuni li għandhom interess li jitolbu għal xi għajnuna dwar permessi, konċessjonijiet jew vantaġġi oħra għandhom jiltaqgħu b'mod formali, fil-preżenza ta' uffiċjali tagħhom.

46. Dan in-nuqqas isaħħaħ il-bżonn ta' introduzzjoni ta' regoli dwar il-"lobbying" li bi ħsiebni nissottometti fil-forma ta' proposti għad-diskussjoni fil-ġranet li ġejjin. Li ministru jiltaqa' waħdu, b'mod informali, ma' persuna midħla sew tan-negozju, b'familjarità żejda, inevitabilment jagħti lok għas-suspetti.

47. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Prof Cassola li għamel l-ilment, kif ukoll lill-Onorevoli Chris Cardona u lill-Onorevoli Konrad Mizzi, u qed jiġi sottomess lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards għall-informazzjoni.

**Dr George-Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

[4] Ara l-paragrafu 33.

## Dokumenti annessi

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ilment mill-Prof Arnold Cassola bid-data tat-23 ta' Settembru 2019 |
| Dokument B | Ittra lill-Ministru Chris Cardona datata 24 ta' Settembru 2019 |
| Dokument Ċ | Ittra lill-Ministru Konrad Mizzi datata 24 ta' Settembru 2019 |
| Dokument D | Ittra lis-Sur Camille Le Pomellec datata 25 ta' Settembru 2019 |
| Dokument E | Ittra lis-Sur Luke Chetcuti datata 15 ta' Ottubru 2019 |
| Dokument F | Ittra lis-Sur Harald Rösch, Kap Eżekuttiv, Melita Ltd, datata 24 ta' Settembru 2019 |
| Dokument G | Ittra lis-Sa Sonia Hernandez, Kap Eżekuttiv, Vodafone Malta Ltd, datata 24 ta' Settembru 2019 |
| Dokument H | Ittra lis-Sur Nikhil Patil, Kap Eżekuttiv, Go plc, datata 24 ta' Settembru 2019 |
| Dokument I | Ittra mingħand is-Sur Jeremy Dalli, Chief of Staff tal-Ministru Chris Cardona, datata 4 ta' Ottubru 2019 |
| Dokument J | Ittra mingħand Dr Aron Mifsud Bonnici f'isem il-Ministru Konrad Mizzi datata 4 ta' Ottubru 2019 |
| Dokument K | Ittra mingħand is-Sur Antoine Bugeja, Senior Manager, Go plc, datata 25 ta' Settembru 2019 |
| Dokument L | Ittra mingħand Dr Gertrude Borg Micallef, Head of Legal and Regulatory Affairs, Melita Ltd, datata 4 ta' Ottubru 2019 |
| Dokument M | Email mingħand is-Sur Camille Le Pomellec datata 26 ta' Settembru 2019 |
| Dokument N | Ittra lis-Sur Camille Le Pomellec datata 2 ta' Ottubru 2019. |

A

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com> |
| **Sent:** | Monday, 23 September 2019 11:50 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Investigazzjoni Interferenzi ministerjali |

Ghaziz Kummissarju Hyzler.

Fid-dokumentarju televiziv, Enquete Exclusive, fuq l-istazzjon Franciz 6 play, il-businessman Luke Chetcuti jistqarr nal-gurnalisti:

Last week I was having dinner with Chris, the minister for the economy," Chetcuti is heard saying. "And he texted the tourism minister saying: we must help the Chetcuti family. They have always helped us. The other minister replied saying the beach was quite small but he would see what he would do, if it could be enlarged."

Hawnhekk, is-Sur Chetcuti qed jirreferi ghall-bajja ta' San Gorg, San Giljan, li 30% minnha hija okkupata mill-Intercontinental ta' Decesare.

Il-gravita' ta' din l-istqarrija ta' Chetcuti hija enormi. Huwa qed jimplika dak li hafna minna l-Maltin ilna nissuspettaw: li Ministru (f'dan il-kaz, Chris Cardona), qed jintervieni ma' Ministru iehor (Konrad Mizzi) biex jaghmel pjacir lil Chetcuti u jirrangalu ghall-beach ghaliex dawn dejjem ghenu lilna (cioe' politici tal-partit laburista) (" we must help the Chetcuti family. They have always helped us.").

Biex nghaxxquha, Chetcuti qed isostni li, minflok Konrad Mizzi canfar lil Cardona u rrappurtah lilek, Mizzi jghid li l-bajja hija zghira imma li jara jistax ikabbarha biex jaqdi lil Chetcuti.

L-elementi ta' mgiba hazina u bla etika implikati minn Chetcuti huma enormi:

1. Businessman jipprova jinfluwenza Ministru (Cardona) biex jiffavorih;
2, Il-Ministru (Cardona) jaccetta li jkun influwenzat;
3. Il-Ministru (Cardona) jimplika lil Ministru iehor (Mizzi);
4. Il-motivazzjoni hija wahda nepotistika: Biex naqdu lil min dejjem ghinna;
